# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-13 ta' Lulju 2021**

**Rikors Numru : 202/2021 JPG**

**Kawza Numru : 11**

**CG**

**Vs**

**VM**

## Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' CG datat 21 ta' Mejju 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-konjugi zzewwgu fl-ghoxrin (20) ta' Mejju tas-sena elfejn (2000), liema zwieg jinsab rregistrat f'Malta bin-numru ta' registrazzjoni 705/2020 (vide Dok A);*

2. *Matul dan iz-zwieg il-konjugi ma kellhom ebda tfal;*

3. *Illi l-konjugi sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat sittax (16) ta' Novembru tas-sena elfejn u hamsa (2005), kopja legali qed tigi hawn anness u mmarkata bhala Dok B;*

4. *Illi ai finijiet ta' l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili jirrizulta skont l-istess sentenza,*

   (a) *Li l-konjugiu ilhom isseparati ghal aktar minn erba' (4) snin; u*

   (b) *Illi ma jezisti l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin; u*

(c) *Illi l-partijiet fil-kuntratt hawn imsemmi kienu irrinunzjaw ghad-dritt li jircievu manteniment;*

(d) *Illi inoltre, skont il-kuntratt ta' separazzjoni l-partijiet jirrunzjaw ghad-drittijiet ta' sucessjoni reciproci fil-konfront ta' xulxin; u*

(e) *Illi ukoll skont il-kuntratt ta' separazzjoni, l-partijiet xoljew u llikwidaw l-komunjoni ta' l-akkwisti w iddikjaraw illi, salv ghal dak premess fl-istess kuntratt, kull dejn gravanti tal-komunjoni ta' l-akkwisti, ikun assum kollu kemm hu minn dik il-parti li tkun ghamlet tali dejn.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet, wara li tkun qieset li dak kollu mitlub huwa soddisfacenti ai finijiet u effetti tal-ligi.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' VM, datata 15 ta' Gunju 2021 2021, a fol 7 li taqra hekk:

*Illi l-esponenti giet nnotifikata bl-atti tar-rikors fl-ismijiet premessi;*

*Illi l-esponenti tirrileva li ma ghandu l-ebda oggezzjoni ghal dina t-talba;*

*Illi l-kundizzjonijiet tal-kuntratt tas-separazzjoni ma jistghux jigu varjati hekk kif jidher mill-att ippublikat fl-atti tan-Nutar Dr. Marco Farrugia data sittax (16) ta' Novembru tas-sena elfejn u hamsa (2005) liema kuntratt gie pprezentat mar-rikors promotur;*

*Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;*

*Illi l-esponenti qeghda tipprezenta wkoll l-affidavit taghha li qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok VM01;*

*Illi l-esponenti jitlob lil din Onorabbli Qorti illi huwa ma jbaghtix l-ispejjez ta' dawna l-proceduri.*

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**CG** xehed (vide affidavit fol 2) illi l-partijiet izzewwgu nhar l-20 ta' Mejju 2000, u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Sostna illi dan iz-zwieg ma rnexxiex u filfatt sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 16 ta' Novembru 2005 fl-atti tan-Nutar Dr Marco Farrugia. Iddikjara illi l-kontendenti ilhom ma jitkellmu ghal aktar minn ghaxar snin u llum ighixu hajjiet kompletament separata minn xulxin. Ghaldaqstant ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni. Di piu' xehed li ma hemm ebda manteniment dovut jew pendenti bejn il-partijiet.

**VM** xehdet (vide affidavit a fol 8) u kkollaborat dak li xehdet G.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba'***

*snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u*

*(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-20 ta' Mejju 2000, liema zwieg jgib c-certifikat numru 705/2000 (vide nota datata 7 ta' Lulju 2021, certifikat taz-zwieg, a fol 11). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali nhar is-16 ta' Novembru 2005, fl-atti tan-Nutar Dr Marco Farrugia (vide Dok B, a fol 3 et seqq.) Ghalhekk, jirrizulta illi l-partijiet ilhom legalment separati ghal aktar zmien minn dak rikjest mil-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement pprovat li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Di piu', ma jirrizultax li hemm arretrati ta' manteniment dovut.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 705/2020 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna spejjes jibqghu bla taxxa bejn l-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**

**Deputat Registratur**